

Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15293/23

CULT 151

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12783/23	
Suġġett:	Azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew - <i>Sostituzzjoni ta' membru Awstrijak tal-bord Ewropew</i>

1. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/831/UE¹, kull tliet snin il-Kunsill jaħtar erba' membri tal-bord Ewropew ta' esperti indipendenti għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Fid-29 ta' Novembru 2021, il-Kunsill ħatar l-erba' membri tiegħu tal-Bord Ewropew għall-perjodu 2022-2024².
2. Permezz ta' email datata d-29 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni infurmat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li s-Sa Heidemarie UHL (Awstrija), wieħed mill-erba' esperti tal-Kunsill maħtura, mietet fil-11 ta' Awwissu 2023.

¹ ĠU L 330, 14.12.2011, p. 23.

² 12783/21

3. Fil-każ li membru tal-bord Ewropew ma jkunx jista' jwettaq il-mandat tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/831/UE tipprevedi fl-Artikolu 2(6) tagħha li l-Istat Membru li inizjalment ħatar dak il-membri għandu jaħtar sostitut mill-aktar fis possibbli; li din il-ħatra għandha tissodisfa r-rekwiżiti stiiplati fil-partijiet 1 u 2 tal-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/831/UE; u li l-persuna għandha tinħatar għall-bqija tal-mandat ta' dak il-membri.
4. L-Awstrija pproponiet li taħtar bħala sostitut lis-Sa Pia SCHÖLNBERGER. Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali kkunsidra l-kandidatura tas-Sa Schölnberger fil-laqgħa tiegħu fl-24 ta' Ottubru 2023, u kkonkluda li r-rekwiżiti kollha kienu ssodisfati.
5. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill jaħtar, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, lis-Sa Pia Schölnberger (Awstrija) fil-kategorija 1 (Kulturi u storja Ewropej) bħala membru tal-bord Ewropew għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għall-bqija tal-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024.
